# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 14 TA' OTTUBRU, 1996

Avv Nru.418/96

Mario Spiteri f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Spiteri Marble Works

vs

John Abela

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Settembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Hamsin Lira Maltija, (Lm50.00), rapprezentanti prezz ta' appalt ta' "memorial slab" ordnata mill-konvenut minghand l-attur, u li wara li tlestiet il-konvenut baqa ma hax konsenja taghha;

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma ppresentatx risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda ta' Mario Spiteri l-attur, li kkonferma li l-konvenut kien ghamel l-ordni, u baqa ma gabarx ix-xoghol, ossija "marble slab" li ghada tinstab ghand l-attur noe.. Ikkonferma li din l-irhama kienet tiswa Hamsin Lira Maltin, (Lm50).

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li jirrizulta mix-xhieda tal-attur li l-ammont mitlub ghadu dovut, kif fuq intqal; jiddeciedi billi jilqa t-talba tal-attur proprio et nomine u jikkundanna lil-konvenut ihallas lill-attur proprio et nomine l-ammont ta' Hamsin Lira Maltija (Lm50.00), kif fuq inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.